MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 380/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. J.J. Fenech)**
**Vs**

**Karl Pace**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-28 ta’ Gunju, 2007, ghall-habta ta’ 22.00 hrs bhala persuna responsabbli mill-hanut Sea Side Bar & Rest, Triq San Patrizju, Wied il-Buni, B’Bugia, halla, pogga jew ippremetta li jitqeghedu siggijiet u mwejjed jew ghamara fuq barra ta’ xi stabbiliment turistiku minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita’ tat-Turizmu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409, sabet lill-

appellat hati izda lliberatu bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal perjodu ta’ tlett xhur mill-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija izda minflok l-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446, tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti, wara li sabet il-htija, deherilha li kellha tapplika l-artikolu 22 tal-Kap.446 meta skond l-artikolu 43(3) tal-Kap.409 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ma jistax isir fejn ikun hemm ksur tal-istess ligi, bhal f' dan il-kaz. Illi l-piena kellha tkun mill-inqas hames mitt lira multa.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena. Illi din il-Qorti normalment ma tindahalx fid-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti dwar l-applikazzjoni ta’ piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew inkella tkun wahda manifestament sproporzjonata fic-cirkostanzi. Dan japplika ukoll f' kazijiet fejn l-Avukat Generali jkun qed jappella minn piena li fil-fehma tieghu tkun miti izzejjed.

Pero' f' dan il-kaz, l-Avukat Generali ghandu ragun ghaliex fil-waqt li l-Ewwel Qorti sabet htija kontra l-appellat skond l-artikolu 43 (1) (b) tal-Kap.409, jidher li injorat ghal kollox is-subartikolu (3) tal-istess artikolu li jghid testwalment :-

***"Id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin ma japlikawx ghal reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu."***

Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet espressament prekluza bil-ligi milli tapplika l-provedment taht l-artikolu 22 tal-Kap.446 kif ghamlet.

Illi lanqas ma hu l-kaz li dan sar bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9 ghax fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti ma iccitatx dan l-artikolu, fit-tieni lok , ma semmietx bir-reqqa kollha xi cirkostanzi specjali u straordinarji li setghu jiggustifikaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu biex il-Qorti teroga piena izghar mill-minimu preskritt fil-ligi u f' kull kaz, anki kieku gie applikat dan l-artikolu, l-Ewwel Qorti ma setghetx tirrikorri ghal xi wiehed jew aktar mill-mizuri kontemplati fil-Kap.446, imma se mai ghall xi piena pekunjarja inqas mill-minimu preskritt bil-ligi.

Illi l-piena preskritta bil-ligi ghar-reat li tieghu l-appellat instab hati, hija dik tal-multa ta' **mhux inqas minn hames mitt lira** u mhux aktar minn ghaxart elef lira skond l-art. 43(1) tal-Kap.409.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali jidher ben fondat u qed jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata w fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446, illiberat lill-appellat ghall-periodu ta' tlitt xhur minn dak in-nhar u minnflok tikkundanna lill-appellat ghall-hlas ta' multa ta' elf, mija u erba w sittin Ewro u disgha w sittin centezmu (Eur.1164.69), ekwivalenti ghall-hames mitt lira Maltin (LM500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------